

# Strada San Giuseppe Ħamrun

Lorenzo Zahra

Dan kien l-isem oriġinali tat-triq ewlenija tal-Ħamrun li dari kien post imsejjaħ Casale San Giuseppe. Din it-triq għadha sal-lum arterja prinċipali tat-traffiku li mill-belt Valletta torbot mal-belt il-qadima tal-Imdina. Hi waħda mit-toroq ewlenin ta' pajjiżna li għarfet l-iżvilupp tal-gżejjer tagħna speċjalment wara l-wasla tal-Ingliżi, meta bdejna naraw tibdil fit-toroq tagħna.

Fl-ewwel snin tas-seklu dsatax fl-Ingilterra, t-toroq bdew jaraw tibdil meta l-inġenji kienu għadhom bil-bhejjem. Imma dak iż-żmien wassal ukoll għal tibdil meta dehru l-ewwel roti mekkanizzati fit-toroq. Kien iż-żmien meta l-inġinier Skoċċiż John Loudon McAdam beda jiksi t-toroq b'mod xieraq, biex ikunu bla ħofor u fil-ġnub ikollhom kanali għall-ilma tax-xita.

Jidher li f'Malta, inħass il-bżonn li jsir l-istess minħabba t-traffiku relatat mal-attività militari. Fil-Gazzetta tal-Gvern tal-1838 kien tħabbar li dan ix-xogħol kellu bidu f'dik it-triq li kienet iġġib l-isem tal-maħbub tagħna San Ġużepp.

Ix-xogħol f'din it-triq li tant kien imfaħħar kien sewa mitqlu deheb mhux biss għall-qawwiet militari iżda wkoll għan-negozjanti li wkoll kienu jeħtieġu toroq deċenti. Dan kien ifisser ukoll aktar indafa, ħeffa u organizzazzjoni fit-tmexxija tat-traffiku f'dak iż-żmien hekk bikri. Il-wiċċ kien jinkesa b'ġebel irqiq u mal-ġnub kienu bdew isiru wkoll il-





bankini li kienu ristretti għall-użu tal-pubbliku li kien juża din it-triq biex imur il-Belt bil-mixi.

Kittieb Ingliż ta' dak iż-żmien għaraf il-ħtieġa ta' toroq komdi u faħħar dan ix-xogħol li kien sar mezz biex aktar nies tiffrekwenta l-Belt li kienet saret ċentru kummerċjali.

